MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**

**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**

**TONIO MALLIA**

**ONOR. IMHALLEF**

**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2015

Appell Civili Numru. 304/2008/1

**Dr Raphael Patiniott**

**v.**

**Vincent Bonett**

**Preliminari**

Dan huwa appell ad istanza tal-konvenut mis-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-14 ta' Lulju 2011, li permezz tieghu qed jitolbu lil din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza u dan billi tichad it-talbiet kollha attrici.

Ghal intendiment ahjar ta' dan l-appell is-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti qeghda tigi hawnhekk riprodotta fl-intier taghha:

> "Rat ir-rikors guramentat ippresentat mill-attur fit-28 ta' Marzu, 2008, li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :
>
> > "1. Illi l-esponent huwa s-sid tal-fond numerat 49, Triq San Publius, Sliema;
> >
> > "2. Illi l-imsemmi fond huwa okkuppat minn l-intimat Vincent Bonett minghajr l-ebda titolu validu fil-ligi, u baqa' hekk okkuppat minnu minkejja varji interpellanzi minn naha tal-esponenti sabiex jivvaka minnu;
>
> "Talab li l-konvenut in vista tal-premess ighid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex, prevja dikjarazzjoni, jekk mehtieg, illi l-intimat qieghed jokkupa l-istess fond minghajr l-ebda titolu validu fil-ligi, tordna lill-intimat sabiex fi zmien qasir u perentorju li ghandu jigi ifissat minnha jizgombra mill-fond numerat 49, Triq San Publius, Sliema;
>
> "Bl-ispejjez kontra l-intimat li huwa minn issa ingunt ghas-subizzjoni;

“Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

“Rat illi ir-rikors guramentat gie debitament notifikat lill-konvenut li naqas li jipprezenta risposta guramentata u b’hekk baqa kontumaci;

“Ezaminat id-dokumenti u l-atti kollha tal-kawza;

“Rat il-provi illi ingabbru;

“Rat in-noti ta’ sottomissjonijiet tal-partijiet;

“Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

“Ikkunsidrat :

“Illi gew esebiti diversi dokumenti illi jixhdu illi Vincent Bonett kien jirrisjedi fil-fond 37/6, Triq il-Magna tas-Serrar, Msida. A fol. 74 tal-process hemm zewg ritratti li juru li mal-bieb 37/6, Triq il-Magna tas-Serrar, Msida hemm letter box li fuqha hemm l-isem Mr Bonett. Dan ir-ritratt ittiehded f’Ottubru tas-sena 2009.

“Ikkunsidrat :

“Illi l-attur xehed illi l-fond mertu tal-kawza kien gie ghandu permezz ta’ divisjoni tal-beni ta’ missier l-attur. Il-fond kien mikri minn missier l-attur lil John u Agnes maghrufa bhala Inez Bonett. Wara l-mewt ta’ Joan Bonett, l-attur u ohtu kienu irrikonoxxew lill-martu bhala l-kerrejja l-gdida ghall-perjodu bejn l-1 ta’ Lulju, 2007 u il-31 ta’ Dicembru, 2007. F’Dicembru 2007 dahal fix-xena il-konvenut. Dan ta’ l-ahhar kien baghat cheque tal-BOV u ktieb tal-kera gdid. Izda l-attur xehed li kien baghat dan ic-cheque u il-ktieb tal-kera lura peress li huma kienu irrikonoxxew biss lil Inez Bonett bhala inkwilina u mhux lill-konvenut. L-attur xehed illi l-fond in kwistjoni ma kienx abitat u fl-10 ta’ Mejju 2005 l-attur kien mar mal-perit tieghu il-Perit Fenech Vella u ghamel spezzjoni fil-post u irrizulta

illi Inez Bonnet ma kienitx hemm u ma kien hemm ebda sinjal illi kien jghix xi hadd fil-post. Wara li mietet is-Sinjura Bonett il-bieb ma kienx jinfetah.

“Ikkunsidrat :

“Illi xehdet Antoinette mart Raphael Patiniott u qalet illi qatt ma rat lill-konvenut diehel u hiereg mill-fond in kwistjoni. Hija xehdet I qatt ma rat refuse wara l-bieb u rat diversi darbi karti imqeghda fix-xaqq tal-bieb ta’ barra li kienu jdumu hemm hemm ghal hafna granet.

“Illi xehdet ukoll Marion Caruana, oht l-attur u qalet illi kienet issib diffikulta sabiex tikkuntattja lis-Sinjura Bonett. Hija xehdet ukoll illi Vincent Bonett qatt ma irrisjeda ma’ ommu fil-post in kwistjoni.

“Ikkunsidrat :

“Illi l-Kapitolu 69 tal-Ligijiet ta’ Malta jaghti definizzjoni ta’ kerrej. Kerrej tfisser ukoll :

> ““(a) l-armla jew l-armel ta’ kerrej basta li r-ragel u l-mara, fiz-zmien tal-mewt tal-kerrej, ma jkunux, legalment jew fil-fatt, mifrudin minn xulxin.
>
> “(b) fil-kaz ta’ dar ta’ abitazzjoni, meta l-kerrej ma jhallix warajh armla jew armel, dawk il-membri tal-familja tal-kerrej li jkunu joqoghdu mieghu fiz-zmien tal-mewt tieghu.”

“Illi skond il-Kapitolu 158 tal-Ligijiet ta’ Malta kerrej tinkludi :

> ““(a) l-armla jew l-armel ta’ kerrej kemm-il darba r-ragel u l-mara ma kienux, fiz-zmien tal-mewt tal-kerrej, separati legalment jew de facto; u

"(b) meta l-kerrej ma jhallix armla jew armel, dawk il-membri tal-familja tal-kerrej li kienu residenti mieghu jew maghha fiz-zmien tal-mewt tieghu jew taghha."

"Illi l-Qorti rat illi l-proviso tal-Artikolu 2 tal-Kap. 158 jghid li biex l-ulied membri tal-familja jkunu tassew intitolati ghall-harsien tal-ligi minn talba ghal izgumbrament, huma ma jridux ikunu mizzewga avolja jkunu qed joqghodu mal-kerrej fiz-zmien tal-mewt tieghu.

"Illi fil-kaz odjern gie ippruvat illi l-konvenut huwa mizzewweg u gie ippruvat ukoll illi ma kienx jghix fil-fond in kwistjoni meta mietet ommu.

"Illi in tema legali jigi precizat is-segwenti in kwantu jirrigwarda l- gurisdizzjoni ta' din il-Qorti meta si tratta ta' kawzi li huma impostati fuq il-premessa li l-konvenut ma ghandux titolu.

"Illi fil-kawza fl-ismijiet Carmelina Camilleri et vs Paul Mifsud et pro et noe deciza mill-Qorti ta' l-Appell Inferjuri fit-12 ta' Awissu, 1994 il-Qorti qalet hekk :

""Saru komunissimi l-kawzi li jimpustaw fuq il-kawzali 'bla titolu' talbiet ghar-ripreza ta' pussess ta' fond jew zgumbrament. Pero', kif intqal f'diversi okkazzjonijiet minn din il-Qorti – bla titolu – guridikament timporta okkupazzjoni ta' fond li sa mill-bidu nett ma kienetx konsentita, okkupazzjoni li tkun saret minghajr kunsens, abbuzivament bi vjolenza, b'mod arbitriju jew klandestinament, - liema llegalita' ppredurat sal-mument li tkun giet proposta l-kawza. 'Bla titolu' ma tfissirx – bhala kawzali – xi kwalita' ta' titolu li seta' kien hemm, imma issa, wahda mill-partijiet tirritjeni li m'ghadux jissussisti, u ghalhekk ikun hemm bzonn dikjarazzjoni gudizzjarja li t-titolu li kien hemm intilef, spicca, jew b'xi mod iehor m'ghadux validu, minhabba ragunijiet ta' zmien, morozita, non-osservanza tal-kondizzjonijiet tat-titolu u simili. Anke l-prekarju huwa titolu – artikoli 1839 – 1841 Kap.16 proprju ghaliex l-okkuppazzjoni inizjali tkun leggittima ghaliex bil-kunsens tas-sid. U meta dan jittermina t-titolu billi jirtira l-kunsens, xorta wahda dik is-sitwazzjoni ma tistax tigi deskritta bhala 'bla titolu' – dejjem fil-perspettiva guridika li nholqot minhabba l-ligijiet specjali li wara l-1919 inholqu biex biddlu sensibbilment ir-regoli tradizzjonali tal-kuntratti ta' lokazzjoni, komodat u ohrajn – li jolqtu l-uzu tal-fondi mmobiljari;" Dik il-Qorti kompliet tghid li:-

"Ghalhekk, meta quddiem xi Qorti – kemm inferjuri kif ukoll superjuri ma' l-ewwel provi jirrizulta 'prima facie' li fis-sens hawn fuq imsemmi, il-kawzali ta' 'bla titolu' ma jkollhiex ir- rekwiziti hawn qabel imsemmija, dik il-Qorti, fuq dik il- kawzali, ma

jkollhiex aktar kompetenza biex tkompli bil- kawza li t-talba taghha tkun ghar-ripreza tal-pussess tal- fond u ghas-setgha ta' zgumbrament. U dan minhabba l-ligijiet specjali li jezistu, kif ukoll ghaliex dik il-kawzali wahedha hija limitattiva ghall-azzjoni. Iz-zewg triqat kienu possibli ghall-Qorti ta' l-ewwel grad kif anki gie ritenut minn din il-Qorti, b'sentenza ricenti – 2 ta' Awissu, 1994, fl- ismijiet Lawrence Grima et vs Emanuel Frendo."

"Ikkunsidrat :

"Illi l-Qorti taqbel mal-insenjament tas-sentenza ta' din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet Maria Stella Borg vs Joseph Cassar et, deciza fil-25 ta' April 2002 fis-sens illi il-gudikant, fil-kamp civili, ghandu jiddeciedi fuq il-provi li jkollu quddiemu, meta dawn jinducu fih dik ic-certezza morali li kull tribunal ghandu jfittex, u mhux fuq semplici possibilitajiet; imma dik ic-certezza morali hija bizzejjed, bhala li hi bazata fuq il-preponderanza tal-probabilitajiet. U dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali, fejn il-htiega trid tirrizulta minghajr ma thalli ebda dubju ragonevoli."

"Illi l-Qorti ikkunsidrat ukoll il-fatt illi mis-sena 2005 ma kienx ghad hemm servizz ta' l-ilma fil-fond in kwistjoni u dan jixhed illi hadd ma kien qieghed jabita fil-fond in kwistjoni mis-sena 2005 'il quddiem.

"Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija, il-Qorti qeghda taqta u tiddeciedi din il-kawza billi fil-kontumacja tal-konvenut, u peress illi l-attur irnexxielu jipprova it-talbiet tieghu, tilqa l-istess talbiet attrici u tiddikjara illi l-konvenut Vincent Bonett ma ghandu l-ebda titolu fuq il-fond 49, Triq San Publius Sliema u konsegwentement tordna lill-konvenut jizgombra mill-imsemmi fond fi zmien xahrejn minn din is-sentenza, bl-ispejjez kontra l-konvenut."

**<u>Rikors tal-appell tal-konvenut Bonett</u>**

Il-konvenut Bonett hassu aggravat bis-sentenza tal-ewwel Qorti u ghalhekk interpona dan l-appell minnha. L-aggravju tieghu (illi qasam f'erba' partijiet fir-

rikors tal-appell) in succint huma bazikament li skont il-Kap. 69 tal-Ligijiet ta’ Malta huwa kien jisthoqqlu l-protezzjoni tal-istess ligi bhala l-kerrej tal-fond inkwistjoni u allura t-talbiet attrici kellhom jigu respinti.

Hawn ta’ min jghid li permezz ta’ sentenza moghtija fl-14 ta’ Lulju 2009 f’din l-istess kawza, il-Qorti kienet cahdet it-talba tal-konvenut biex jikkontesta t-talba attrici u dan billi fost affarijiet ohra jipprezenta r-risposta guramentata tieghu u kwindi ddikjaratu kontumacji skont il-ligi. **Din is-sentenza ma gietx appellata u lanqas f’dan l-appell ma hemm talba fir-rigward taghha – ghalhekk ghaddiet in gudikat. Ghalhekk allura din il-Qorti trid tiddeciedi dan l-appell a bazi tal-provi li tressqu quddiem l-ewwel Qorti u xejn izjed.**

**<u>Risposta tal-appell tal-atturi</u>**

L-attur wiegeb biex jghid li s-sentenza ppronunzjata mill-ewwel Qorti hija gusta u timmerita li tigi kkonfermata.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta’ din il-Qorti</u>**

Kif gia` ssemma l-appellant qed jilmenta li huwa l-kerrej tal-fond inkwistjoni u bhala tali ghandu jkollu l-protezzjoni li taghti l-ligi permezz tal-Kap. 69 imsemmi lill-kerrej.

L-ewwelnett huwa jghid li huwa l-kerrej skont il-ligi billi kien joqghod ma' ommu Inez Bonett illi mietet fl-2007. Naturalment billi l-appellanti, inkwantu kontumacji, ma ressaqx provi, ibbaza l-argumenti tieghu fuq allegazzjonijiet li dwarhom ma ressaqx provi izda huma appuntu allegazzjonijiet. Huwa l-appellant li kellu jipprova li huwa kerrej u allura jisthoqqlu l-protezzjoni li qed jivvanta.

Kif jghid l-Artiklu 562 tal-Kodici tal-Procedura minn jallega jrid jipprova – u l-appellant fic-cirkostanzi tal-kaz naqas li jressaq provi f'dan ir-rigward - ***"Onus probandi incumbit qui dicit non ei qui negat"*** kif gie ripetut diversi drabi f'diversi sentenzi ( per ezempju **Dr. H Lenicker v. J Camilleri**, Prim'Awla 31 ta' Mejju 1972 u **Peter Paul Aquilina v. Paul Vella**, Appell Inferjuri, 2 ta' Mejju 1995).

Ghalhekk dan l-aggravju huwa respint.

**It-tieni parti tal-aggravju** huwa fis-sens li l-ewwel Qorti fuq bilanc ta' probabilitajiet ma kelliex tilqa' t-talba attrici**.** Il-Qorti naturalment taqbel illi f'gudizzju civili l-Qorti trid tiddeciedi fuq *"il-preponderanza tal-probabilitajiet"* (**Zammit v. Petroccochino**, Appell Kummercjali, 25 ta' Frar 1952 ); il-Qorti allura jehtieg li tara jekk verzjoni wahda teskludix lill-ohra fuq bilanc ta' probabilitajiet; *"b'hekk jigi evitat ir-riskju li l-Qorti taqa' fuq l-iskappatorja tad-*

*dubbju u ssib refugju mir-regola 'in dubio pro reo"*– **Enrico Camilleri v. Martin Borg**, (Appell Inferjuri, 17 ta' Marzu 2003). Il-Qorti frankament ma tifhimx dan l-argument fl-isfond tal-kawza odjerna. Anzi tghid li l-attur appellat lanqas kellu ghalfejn iressaq il-provi li effettivament ressaq kif jidher mis sentenza appellata. Kulma kellu jgib prova kien li l-konvenut qed jokkupa l-fond inkwistjoni minghajr titolu. Il-konvenut appellat kif inghad, fic-cirkostanzi ma setax iressaq provi u allura lanqas seta' jipprova li kellu titolu a bazi tal-istess provi li seta' jressaq. Allura lanqas dan l-aggravju ma ghandu gustifikazzjoni.

**It-tielet parti tal-aggravju** huwa fis-sens li l-ewwel Qorti naqset li tikkunsidra l-argumenti li huwa ressaq fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu. Fil-verita` dawn l-argumenti l-appellant irrepetihom meta tratta l-ewwel parti tal-aggravju tieghu – u dan il-Qorti tifhem li kellu jsir bil-fors biex l-appellant ikun konsistenti fl-argumenti tieghu. Madankollu ghall-istess ragunijiet li gia` ssemmew dan l-aggravju wkoll se jkun respint. F'dan l-istadju l-Qorti zzid illi l-appellant qed jitlob fis-sustanza li l-Qorti tirrivedi l-apprezzament tal-provi li gia` gew valutati mill-ewwel Qorti. Din il-Qorti ghalhekk tirribadixxi li normalment ghal dak li **huwa apprezzament tal-fatti**, kif qalet fil-kawza fl-ismijiet **Vella v. Tabone** deciza minn din il-Qorti fit-22 ta' Ottubru 2002, il-Qorti tal-Appell tiddisturba l-apprezzamenti fattwali tal-ewwel Qorti biss *"ghal ragunijiet serjissimi u dan biex tikkoregi zball manifest li jekk ma jigix tempestivament korrett ikun sejjer jikkawza ingustizzja cara."* Imbaghad fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Cini v. George Wells** (15 ta' Novembru 2004) l-istess Qorti qalet li *"Huwa principju*

*bazilari segwit minn din il-Qorti ta' revizjoni li fejn si tratta ta' apprezzament u evalwazzjoni ta' provi ta' fatt din il-Qorti qatt ma tiddisturba leggerment apprezzament tal-provi li jkun sar mill-ewwel Qorti sakemm ma jkunx hemm ragunijiet gravi u serji bizzejjed li jissugerixxu mod iehor."*

Wara d-dovut ezami tal-provi, din il-Qorti ma ghandha ebda dubju li ghandha tasal ghall-istess konkluzjoni tal-ewwel Qorti. **Ghalhekk kif gia` inghad, anke dan l-aggravju huwa respint.**

Finalment l-appellant jilmenta mill-fatt li fil-parti dispozittiva tas-sentenza taghha, l-ewwel Qorti qalet illi l-kontumacja tieghu kienet wahda mir-ragunijiet li ghalihom hija laqghet it-talbiet attrici. Huwa jghid illi fl-ordinament guridiku taghna, il-kontumacja tfisser kontestazzjoni u allura dan ma kellux isir. Dan huwa minnu u ma hemmx dubju li anke meta l-konvenut ikun kontumacji, l-attur irid jissodisfa lill-Qorti illi t-talbiet tieghu huma gustifikati skont il-ligi. Madankollu l-appellant mhux ezatt meta jghid li l-ewwel Qorti ccitat il-kontumacja bhala <u>wahda mir-ragunijiet ghall-akkoljiment tat-talbiet attrici</u>; hija qalet biss, illi *"fil-kontumacja tal-konvenut"* kienet qed tilqa' dawn it-talbiet. Dan huwa dak li jsir b'mod regolari fis-sentenzi fejn appuntu l-konveut ikun kontumacji. L-ewwel Qorti, kif wiehed jista' jara mill-qari tal-istess sentenza, semmiet *in extenso* r-ragunijiet ghaliex kienet qed tilqa' t-talbiet u l-kontumacja ma kinitx raguni ghall-istess akkoljiment izda stat ta' fatt li rrizulta mill-atti tal-kawza. **Ghalhekk dan l-aggravju wkoll huwa respint.**

Finalment il-Qorti taqbel mal-appellat illi fic-cikorstanzi l-appell huwa fieragh u allura se tapplika d-disposizzjonijiet tal-paragrafu 10(1) tat-Tariffa A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

**<u>Decizjoni</u>**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi l-kawza billi tichad l-appell tal-konvenut Bonett u tikkonferma fl-intier taghha s-sentenza appellata b'dan illi t-terminu impost mill-ewwel Qorti ghall-izgumbrament jibda jghaddi mil-lum; l-ispejjez kollha a karigu tal-konvenut appellant li ghandu wkoll jhallas is-somma ta' hames mitt Euro (€500) lir-Registratur tal-Qorti a tenur tal-paragrafu 10(1) tat-Tariffa A (Skeda A) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------